



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.6.2015  
COM(2015) 302 final

ANNEX 1

**ANNEX**

*tal-*

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill  
dwar Sistema tat-Taxxa Korporattiva Ġusta u Effiċjenti fl-Unjoni Ewropea: 5 Oqsma  
Ewlenin għal Azzjoni**

{SWD(2015) 121 final}

## **ANNEX: Lista ta' ġurisdizzjonijiet fiskali nonkooperattivi ta' pajjiżi terzi**

Bħala parti mill-ħidma tal-Pjattaforma dwar il-Governanza Fiskali Tajba, fl-aħħar tal-2014 l-Istati Membri taw lill-Kummissjoni l-listi ta' dawk il-ġurisdizzjonijiet li huma kienu ddeterminaw li ssodisfaw id-definizzjoni tagħhom ta' ġurisdizzjonijiet fiskali nonkooperattivi. L-Istati Membri użaw kriterji varji biex jidentifikaw dawn il-ġurisdizzjonijiet, inkluż in-nuqqas ta' trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni, il-preżenza ta' miżuri tat-taxxa dannużi, u l-użu ta' rata tat-taxxa baxxa jew l-ebda rata.

Il-lista hawn taħt tindika dawk il-ġurisdizzjonijiet fiskali li tfaċċaw l-aktar f' dawk il-listi li l-Istati Membri kienu ddiskutew fil-Pjattaforma dwar il-Governanza Fiskali Tajba f'Diċembru 2014. Il-pajjiżi elenkati hawn taħt jidhru fil-lista ta' mill-anqas 10 Stati Membri. Il-Kummissjoni se temenda din il-lista fuq bażi perjodika biex tkun tirrifletti l-bidliet fil-listi nazzjonali tal-Istati Membri.

Andorra\*\*  
Anguilla \*  
Antigua u Barbuda\*\*  
Il-Bahamas\*\*  
Barbados\*  
Il-Belize\*\*  
Bermuda\*  
Il-Gżejjer Verġni Brittaniċi\*  
Il-Brunei\*\*  
Il-Gżejjer Cayman\*  
Il-Gżejjer Cook  
Grenada\*\*  
Guernsey\*  
Hong Kong\*\*  
Il-Liberja  
Il-Liechtenstein\*\*\*  
Il-Maldivi  
Il-Gżejjer Marshall\*\*  
Mauritius\*  
Monaco\*\*  
Montserrat\*  
Nauru  
Niue\*  
Il-Panama  
Saint - Vincent u l-Grenadini\*\*  
Saint Christopher u Nevis\*\*  
Is-Seychelles\*  
Il-Gżejjer Turks u Caicos\*  
Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti  
Vanuatu

\* Pajjiż li adotta kmieni l-istandard globali ġdid dwar l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni, l-ewwel skambji skedati għall-2017.

\*\* Pajjiż li jinsab impenjat li l-istandard globali ġdid dwar l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni, l-ewwel skambji skedati għall-2018

\*\*\* Pajjiż li adotta kmieni l-istandard globali ġdid dwar l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni, l-ewwel skambji skedati għall-2017. Bħalissa involut fid-djalogu dwar it-tassazzjoni tal-kumpaniji mal-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta għat-Tassazzjoni tan-Negożji.

Billi l-Istati Membri jistgħu jużaw għadd ta' kriterji differenti meta jivvalutaw il-ġurisdizzjonijiet fiskali, mhuwiex ċar kif l-adozzjoni minn xi ġurisdizzjonijiet ta' standards globali ta' rapportar se taffettwa din il-lista.